

V

(Avviżi)

## PROCĊEDURI TAL-QORTI

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechthof Den Haag (Il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-7 ta' Awwissu 2014 – TOP Logistics BV & Van Caem International BV vs Bacardi & Co. Ltd & Bacardi International Ltd**

**(Kawża C-379/14)**

(2014/C 388/02)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż***Qorti tar-rinviju**

Gerechthof Den Haag

**Partijiet fil-kawża prinċipali***Rikorrenti:* TOP Logistics BV, Van Caem International BV*Konvenuti:* Bacardi & Co. Ltd, Bacardi International Ltd**Domandi preliminari**

Dawn id-domandi jikkonċernaw merkanzija li toriġina barra miż-ŻEE li, wara li tkun iddaħħlet fit-territorju taż-ŻEE (mhux mill-proprjetarju tat-trade mark u lanqas bil-kunsens tiegħu), tqiegħdet taħt il-proċedura ta' tranżitu estern jew taħt il-proċedura ta' ħażna fl-imħażen doganali [fis-sens tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 2913/92 <sup>(1)</sup> (ir-Regolament il-qadim) u r-Regolament (KE) Nru 450/2008 <sup>(2)</sup>] fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

- 1) Fejn tali merkanzija hija sussegwentement, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, imqiegħda taħt proċedura ta' sospensjoni tad-dazji tas-sisa, din għandha tkun ikkunsidrata bħala importata fis-sens tal-Artikolu 5(3)(ċ) tad-Direttiva 89/104/CEE <sup>(3)</sup> (li saret id-Direttiva 2008/95/CE <sup>(4)</sup>), fis-sens li tikkonċerna “[użu tas-sinjal] fl-eżerċizzju tal-kummerċ” li jista' jiġi pprojbit mill-proprjetarju tat-trade mark skont l-Artikolu 5(1) tal-imsemmija direttiva?
- 2) Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, għandu jiġi kkunsidrat li fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, is-sempliċi preżenza ta' tali merkanzija fi Stat Membru (imqiegħda taħt proċedura ta' sospensjoni tad-dazji tas-sisa f'dak l-Istat Membru) ma taffettwax jew ma tkunx tista' taffettwa l-funzjonijiet tat-trade mark, b'tali mod li l-proprjetarju ta' din it-trade mark li jinvoka drittijiet ta' trade mark nazzjonali f'dak l-Istat Membru ma jkunx jista' jopponi din il-preżenza?

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307).

<sup>(2)</sup> Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) (ĠU L 145, p. 1).

<sup>(3)</sup> L-ewwel Direttiva tal-Kunsill, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92).

<sup>(4)</sup> Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 299, p. 25).